

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

DEĊIJONIJIET**DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/970****tat-3 ta' Lulju 2020**

li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, u estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 (¹) introduċiet deroga ta' xahar mill-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (²) fir-rigward ta' deċiżjonijiet ta' użu tal-proċedura ordinarja bil-miktub, fejn dawk id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper). Dik id-deroga kienet prevista sat-23 ta' April 2020.
- (2) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/430 tipprevedi li, jekk ikun ġustifikat minn kontinwazzjoni ta' ċirkostanzi eċċeżzjonal, il-Kunsill jiusta' jgħedded dik id-Deċiżjoni. Fil-21 ta' April 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/556 (³), estenda d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 b'perijodu ulterjuri ta' xahar mit-23 ta' April 2020. Dik l-estensjoni tad-deroga kienet prevista sat-23 ta' Mejju 2020. Fil-20 ta' Mejju 2020, il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2020/702 (⁴), estenda d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430 b'perijodu ulterjuri sal-10 ta' Lulju 2020.
- (3) Minħabba li għad jeżistu c-ċirkostanzi eċċeżzjonal kawżati mill-pandemija tal-COVID-19, b'għadd ta' miżuri straordinarji preventivi u ta' konteniment, mēħuda mill-Istati Membri, li għadhom fis-seħħ, teżisti l-htiegħa li tiġi estiża d-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, b'perijodu limitat ieħor sal-10 ta' Settembru 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-deroga prevista fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2020/430, kif estiża bid-Deċiżjonijiet (UE) 2020/556 u (UE) 2020/702, hija b'dan estiża aktar sal-10 ta' Settembru 2020.

(¹) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88 I, 24.3.2020, p. 1).

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020 li testendi d-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 128 I, 23.4.2020, p. 1).

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702 tal-20 ta' Mejju 2020 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430 u estiża bid-Deċiżjoni (UE) 2020/556 fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 38).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tīgħi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH
